**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 819/2020 MS*

**Matthew Piccinino**

**Vs.**

**L-Awtorità ta' l-Artijiet**

Illum, 5 t'April, 2024

Kawża Numru:

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur fl-14 ta' Settembru, 2020 li bih, wara li ġie premess hekk:

> Illi r-rikorrent Matthew Piccinino, permezz ta' applikazzjoni PA 6091/16, huwa ottjena permess (approvat fl-1 ta' Frar 2017) sabiex jagħmel "*change of use from existing class 4B retail outlet to a class 4C outlet including internal alterations, proposed shop signs and proposed tables and chairs (internal)*".

Illi, permezz ta' l-applikazzjoni PA 2188/17, u li ġiet approvata fit-8 ta' Ġunju 2017, l-istess rikorrent ottjena permess sabiex jagħmel *"tables, chairs and umbrellas in Misraħ ir-Repubblika infront of Class 4C establishment approved in PA 6091/16)".* – DOK A.

Illi r-rikorrent ottjena *encroachment permit (Property Number E270118) – Site for Tables & Chairs,* mingħand l-Awtorita' konvenuta fl-istabbiliment *Kingway Café,* Misraħ ir-Repubblika, fil-Belt Valletta, liema permess ġie mħallas u konċess lill-istess rikorrent. – DOK B

Illi dan l-encroachment permit favur ir-rikorrent gie ikkontestat minn John Cordina (rikors numru 75/18) u S. Camilleri & Sons Limited (rikors 71/18) quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

Illi l-istess Tribunal, permezz ta' żewġ deċiżjonijiet mogħtija fit-22 ta' Jannar 2019, annulla l-istess encroachment, u ordna illi:

*"Awtorita` intimata terġa' tagħmel eżerċizzju fejn tieħu l-kejl intern ta' kull stabbiliment li huwa okkupat minn imwejjed u siġġijiet, anke jekk ikun il-każ fil-preżenza tal-Periti tal-partijiet konċernati, u l-Pjazza terġa' tiġi riallokata skont l-internal area okkupata mill-imwejjed u siġġijiet ta' kull stabbiliment b'dana illi għandu jkun hemm bilanċ bejn kemm stabbiliment għandu mwejjed u siġġijiet ġewwa u dak li jista' jiġi allokat lilu fuq barra."*

Illi dawn id-deċiżjonijiet ġew ikkonfermati mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (sede inferjuri) permezz ta' żewg deċiżjonijiet ta' l- 24 ta' Ġunju 2019.

Illi sussegwentement, l-Awtorita' konvenuta nidiet eżerċizzju illi permezz tiegħu, aċċediet fl-istabbiliment tar-rikorrent, kif ukoll ta' lokali oħra fl-istess pjazza, biex jieħdu qisien tal-*internal area* tal-istabbilimenti. .

Illi wara dan l-eżerċizzju mniedi mill-Awtorità konvenuta, ġie spjegat ċar li skont il-parametri u l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom kienet qed tikkalkula l-allokazzjoni tal-imwejjed u s-siġġijiet, inkluż l-*internal areas* relattivi tal-istabbilimenti kollha li jiffurmaw parti minn dan l-eżerċizzju, l-Awtorita' kkonċediet numru ta' siġġijiet u mwejjed lir-rikorrent f'Misraħ ir-Repubblika.

Illi l-ispazju riservat għat-tqiegħed tal-imwejjed u siġġijiet fil-Pjazza, a bażi ta' *Master Plan* approvat inizzjalment

mill-Awtorita ta' l-Ippjanar u wara minn Kumitat tekniku intern fi ħdan l-Awtorità tal-Artijiet, b'dan illi ġie maqsum fi blokki jew grid u l-metraġġ kwadru dovut lil kull stabiliment tal-ikel ġie allokat fuq dan il-qafas, u dan skont il-permess numru PA1184/20 – DOK C.

lli għalhekk wieħed kien jippretendi u bir-raġun illi meta ttieħdu l-imsemmija kunsiderazzjonijiet mill-Awtorità tal-Artijiet, dina mexiet fuq l-aħħar permessi maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar favur l-Awtorità konvenuta, kif ukoll fuq id-deċizjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u l-Qorti ta' l-Appell fuq imsemmi, oltre ukoll fuq prinċipji bażiċi ta' dritt u proċedura amministrattiva, u li kull operatur u l-konċessjonijiet tqassmu abbażi ta' tali, li insegwitu ta' dan, l-istess rikorrent irċieva avviż ġdid ta' encroachment b'numru E270118, liema encroachment ġie debitament iffinalizzat u mħallas mill-istess rikorrent.

Illi hekk kif spjegat hawn fuq, u minkejja li r-rikorrent għandu konċessjonijiet iżgħar minn dik mogħtija lil operaturi oħra fi ħdan l-istess misraħ, huwa ingħata permess biex jopera l-istabbiliment tiegħu u wisq aktar konċessjoni sabiex iqiegħed siġġijiet u mwejjed fl-istess żona lilu allokata.

Illi nonostante l-konċessjoni ta' dan il-permess, ir-rikorrent jinsab prekluż milli jpoġġi kwalunkwe mwejjed/siġġijiet f'Misraħ ir-Repubblika u dan stante li l-istess żona hija okkupata minn imwejjed u siġġijiet ta' terżi oħra u senjatament ta' S. Camilleri & Sons Limited, u li l-istess Awtorita konvenuta naqset li tenforza l-istess enchroachment, tant illi r-rikorrent għadu fl-impossibilita' li juża l-encroachment mogħti lilu.

Illi apparti minn dan, l-esponent intervjena riċentement fl-Atti tal-Mandat t'Inibizzjoni bin-numru 764/2020/1 fl-ismijiet *John Cordina eżerċjenti l-kummerċ bħala Caffe Cordina vs. L-Awtorità tal-Artijiet.*.

Illi fid-digriet mogħti mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-atti ta' l-istess mandat tal- 14 ta' Lulju 2020, filwaqt li l-istess Onorabbli Qorti laqghat il-mandat imniedi mill-istess Cordina, l-istess Qorti ikkonkludiet illi l-istess Awtorita konvenuta ma mexietx b' mod trasparenti tant illi in segwitu ta' dan l-istess mandat ġie milqugħ.

Illi għaldaqtant, l-istess konvenuta qegħda attwalment tirrifjuta li tenforza l-istess encroachment fil-konfront ta' terzi u senjatament S. Camilleri & Sons Limited (ad eskluzjoni tal-encroachment a favur ta' John Cordina) waqt

illi r-rikorrent huwa prekluż illi juża l-konċessjoni mogħtija lilu mill-istess Awtorita' konvenuta.

Illi b'hekk l-istess Awtorita konvenuta qegħdha tħalli lill-terzi jibqgħu jużaw il-pjazza pendenti dan kollu. Jidher biċ-ċar illi a kawża ta' dan kollu, r-rikorrent fl-eżerċitu tal-kummerċ tiegħu qiegħed isofri danni ferm kbar a kawża tal-fatt illi nonstante l-permessi u l-konċessjoni mogħtija lilu mill-istess Awtorita' konvenuta, huwa xorta jinsab prekluż milli jeżerċita l-encroachment sopra ċitat.

Illi l-Awtorita konvenuta kienet għalhekk bil-wisq moruża b'dan illi akkordat *encroachment permit* lir-rikorrent li sussegwentement, skond żewġ deċiżjonijiet tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fit-22 ta' Jannar 2019, l-istess permess ġie annullat fuq il-kundizzjoni li l-Awtorita terġa tagħmel eżerċizzju għar-riallokazzjoni tal-Pjazza, liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell, u wara din ir-riallokazzjoni, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Lulju 2020 laqgħet mandat li qegħda tikkaġuna konsegwenzi biss lir-rikorrent fuq il-bażi li l-Awtorita ma mxietx b'mod trasparenti u li oltre dan, l-istess Awtorita qegħda tirrifjuta li tenforza l-istess encroachment fil-konfront ta' terzi li mhumiex milqutgħa bl-ordni ta' dan l-istess mandat.

Illi għalhekk, peress illi r-rikorrent akkwista encroachment permit skond il-liġi, l-istess rikorrent allura qiegħed iħossu bil-wisq aggravat minn din il-pożizzjoni ta' l-Awtorita' konvenuta li qegħda tikkaġġuna danni inġenti lir-rikorrent, konsistenti fi telf ta' profit u telf ieħor kif jiġi ppruvat tul it-trattazzjoni tal-kawża.

Illi r-rikorrent jaf u qiegħed jikkonferma dawn il-fatti kollha bil-Ġurament tiegħu

intalab minn din il-qorti li:

1. Tiddikjara illi l-Awtorita konvenuta kienet moruża peress illi r-rikorrent ma jistax jeżerċita l-encroachment sopra ċitata minħabba l-azzjonijiet jew nuqqas ta' azzjonijiet tal-Awtorita konvenuta;

2. Tordna lill-Awtorita sabiex tieħu dawk l-azzjonijiet kollha meħtieġa sabiex l-istess rikorrent jitqiegħed f'pożizzjoni ekwa u ġusta u li biha jkun jista' juża l-allokazzjoni mogħtija lilu permezz tal-encroachment fuq imsemmi;

3. Tiddikjara lill-Awtorita konvenuta responsabbli tad-danni kollha sofferti mir-rikorrent;

4. Tillikwida l-istess danni okkrrendo b'opera ta' periti nominadi;

5. Tordna konsegwentement lill-Awtorita konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati;

6. Tordna lill-Awtorita konvenuta tħallas l-ispejjeż ta' dina l-kawża

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-Awtorità konvenuta fit-30 t'Ottubru 2020, li biha wieġbet hekk:

Illi, b'mod generali, il-pretensjoni attrici hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt;

Illi l-Awtorita' Eccipjenti tirrileva li hija dejjem imxiet entro l-parametri moghtija lilha mil-ligi f'kull decizjoni mehuda minnha u li fejn kien hemm sentenza finali minn Tribunal jew Qorti fir-rigward tal-kwistjoni mertu ta' din il-kawza hija baxxiet rasha ghal tali decizjoni.

Illi l-Awtorita' eccipjenti tirrileva wkoll illi kull decizjoni mehuda minnha fir-rigward tal-kwistjoni odjerna ttiehdet fl-ahjar interess tal-pajjiz in generali, filwaqt illi nzamm ukoll bilanc bejn l-operaturi kollha li ghandhom l-istabilimenti bil-permessi fi Pjazza Regina.

Illi fil-fatt, proprju biex jigu evitati aktar litigji kemm fil-konfront tal-Awtorita' Intimata kif ukoll bejn id-diversi operaturi fi Pjazza Regina u sabiex ikun hem aktar organizzazzjoni u uniformita' fi hdan l0istess Pjazza, l-Awtorita eccipjenti nidiet ezercizzji intensiv li wassal li gie approvat *Master Plan mill-Awtorita; tal-Ippjanar* fejn giet iddelinejat b'mod car l-estent taz-zona li fiha jistghu jitqieghdu l-imwejjed u s-siggijiet mill-operaturi u fejn issa hija r-responsabbilta tal-esponenti li talloka z-zoni fejn l-operaturi jistghu jarmaw l-imwejjed u s-siggijiet.

Illi madanakollu operaturi ohra waqqfu lill-Awtorita' eccipjenti milli twettaq u timplimenta dan il- *Master Plan* u dana billi fost l-ohrajn ressqu allegazzjonijiet fil-konfront tal-attur innifsu u fejn l-eccipjenti giet anke akkuzata illi qieghda tiffavorixxi lill-istess Matthew Piccinino.

Illi filwaqt li l-esponenti tibqa' ssostni illi hija ma ffavorixxiet lil hadd, fil-prezent ghadu in vigore mandat t'inibizzjoni (Numru 764/2020/1 LM ) milqugh nhar l-14 ta' Lulju 2020 pendenti l-ezitu ta' appell imressaq mill-

istess John Cordina quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva , fejn l-Awtorita' Intimata giet inibita milli: *"Tapplika, tenforza jew b'xi mod ieħor tagħti effett, tramite uffiċjali jew impjegati tagħha jew kwalunkwe mod ieħor, id-deċiżjoni ossia permess datat 22 ta' Ġunju 2020 u mgħarraf lill-esponenti nhar it-Tnejn 22 ta' Ġunju, 2020 (TC 005/2020), illi permezz tiegħu l-encroachment/konċessjoni li l-esponent igawdi f'Misraħ irRepubblika (komunement magħrufa bħala Pjazza Reġina) ġie emendat billi, b'effett mill-istess data tal-permess ġew irrevokati permessi preċedenti mogħtija lillesponenti billi jitneħħewlu numru ta' mwejjed fuq Triq ir-Repubblika li sejrin minflok jitqiegħdu fuq in-naħa ta' wara tal-pjazza quddiem il-Bibljoteka.*

Illi ghalhekk, minkejja illi l-Awtorita' esponenti ma taqbilx mal-mandat t' Inibizzjoni fuq imsemmi, hija ma tistax hlief toqghod ghall-imsemmija decizjoni pendenti l-ezitu finali tal-appell imressaq minn John Cordina (sid tan-negozju Caffe' Cordina). Inoltre l-Intimata tirrileva wkoll li tali mandat gie milqugh fuq bazi ta' prima facie u certament illi kwalunkwe konkluzjoni raggunta mill-istess Qorti fil-konfront tal-esponenti ttiehdet fuq il-provi mressqa f'seduta wahda biss. Ghalhekk mhux gust li l-attur odjern jakkuza lill-esponenti li ma mxietx b'mod trasparenti. L-attur messu rrileva wkoll li l-istess Qorti rrilevat ukoll illi minkejja li Matthew Piccinino (attur fil-kawza odjerna) talab illi jintervjeni fl-imsemmi mandat, huwa naqas milli jressaq imqar prova wahda sabiex jikkontradixxi l-allegazzjonijiet li Cordina ghamel fil-konfront tieghu (liema allegazzjonijiet wasslu sabiex l-Awtorita' giet anke akkuzata li qieghda tiffavurieh). Ghalhekk ma jistax l-istess Piccinino jitfa' n-nuqqasijiet tieghu fuq l-Awtorita' Intimata wkoll.

Illi inoltre l-Awtorita' Intimata tirrileva li oltre l-appell tal-imsemmi John Cordina, tressaq ukoll appell fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva minn Anthony Frendo (operatur tat-Tikka Bar) li wkoll ghadu sub judice u li wkoll qieghed jattakka l-implimentazzjoni tal- *Master Plan* fi Pjazza Regina.

Illi certament illi l-esponenti ma kienet fl-ebda mument moruza fl-ebda aspett fil-konfront tal-attur (u lanqas tal-operaturi l-ohra fi hdan Pjazza Regina), izda jidher bic-car li l-Awtorita' spiccat f'nofs battalja legali bejn l-operaturi kollha fejn wara kwalunkwe decizjoni li hadet l-Awtorita' spiccat attakkata mill-imsemmija operaturi ghaliex l-operaturi ezistenti jridu jibqghu fl-istatus quo u l-operatur

il-gdid (l-attur), bhalma tixtieq l-esponenti, irid jara l-*Master Plan* imwettaq.

Illi hekk kif diga rilevat, l-Awtorita' hija fl-impossibilita' li tiehu azzjoni sakemm il-kwistjonijiet sollevati mill-operaturi ta' Pjazza Regina jigu risolti u decizi b'mod finali b'sentenza mit-Tribunal kompetenti jew sahansitra mill-Qorti tal-Appell u ghalhekk l-Awtorita' ma tistax tezercita l-encroachment a favur ta' Matthew Piccinino sa dak il-mument.

Illi ghalhekk, la darba l-ilmenti sollevati minn Matthew Piccinino jaffetwaw b'mod dirett lill-operaturi l-ohra fi Pjazza Regina, li fil-prezent qieghed jinstema' l-appell taghhom mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, u sahansitra tressaq b' success mandat t'Inibizzjoni minn wiehed minnhom, l-Awtorita' esponenti ghandha idejha marbuta u kontra l-volonta' taghha ma tistax twettaq id-decizjoni taghha li timplimenta l-*Master Plan* approvat ukoll mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

Illi certament illi fid-dawl ta' dan kollu u ta' provi ohra li ser jitressqu, l-Awtorita' Intimata m'hi passibbli ghall-ebda danni fil-konfront ta' Matthew Piccinino li se mai kellu jipproponi din l-azzjoni kontra persuni ohra li qed iwaqqfu lilu u lill-istess Awtorita' u milli timplimenta l-ahhar decizjoni taghha fir-rigward tal-allokazzjoni ta' mwejjed u siggijiet fi Pjazza Regina.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi.
Ghaldaqstant l-Awtorita' Eccipjenti titlob li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda 'in toto' u dana bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrent.

Daqstant l-Awtorita' Intimata ghandha l-unur li twiegeb lil din l-Onorabbli Qorti u thalli ghall-gudizzju savju u superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Rat l-ordni mogħti minnha, kif diversament presjeduta, fl-udjenza tat-22 ta' Marzu 2023, li bih ġie dirett li qabel xejn jiġu trattati l-ewwel tliet talbiet tal-attur u l-eċċezzjonijiet relattivi tal-Awtorità konvenuta;

4. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, flimkien mal-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

5. Rat ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet preżentati mill-kontendenti;

6. Semgħet it-trattazzjoni magħmula mid-difensuri tal-kontendenti;

7. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata sentenza dwar l-ewwel tliet talbiet tal-attur u l-eċċezzjonijiet relattivi tal-Awtorità konvenuta;

Ikkunsidrat:

8. Illi din hija azzjoni għar-riżarċiment ta' ħsara li l-attur jgħid li ġarrab b'konsegwenza ta' għemil ħażin imwettaq mill-Awtorità konvenuta fil-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' art pubblika fil-Belt Valletta minn negozji privati għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet.

9. Illi din il-qorti, kif diversament presjeduta, kienet ordnat li t-trattazzjoni tal-kawża f'dan l-istadju tiġi limitata għall-ewwel tliet talbiet tal-attur, u ċjoè dawk it-talbiet li fl-essenza tagħhom jattribwixxu nuqqasijiet u ħtija ċivili fil-konfront tal-Awtorità konvenuta.

10. Illi l-fatti tal-każ li huma rilevanti għal dawn it-tliet talbiet, u għad-difiżi pertinenti sollevati mill-Awtorità konvenuta, jistgħu jiġu riassunti kif ġej.

11. Illi l-attur kiseb permess ta' żvilupp bin-numru PA/06091/16[1] rigward il-ħanut bin-numru sebgħa u ħamsin (57) u magħruf bl-isem "Kingsway Cafè" f'Misraħ ir-Repubblika fil-Belt Valletta, li bih, fost ħwejjeġ oħra, ġie awtorizzat il-bdil fl-użu ta' dan il-ħanut minn ħanut tal-bejgħ ta' merċe għal ħanut ta' klassi 4C[2]. Sussegwentement, l-attur kiseb permess ieħor, din id-darba bin-numru PA/02188/17[3], u li ġie approvat fit-8 ta' Ġunju 2017, sabiex jagħmel mwejjed, siġġijiet u umbrelel fl-imsemmi Misraħ – ħaġa li kienet diġà ġiet approvata mill-Awtorità tal-Ippjanar bl-ewwel permess imsemmi. Billi l-art li fuqha l-attur ried jagħmel l-imwejjed, is-siġġijiet u l-umbrelel hija art pubblika, huwa talab permess mingħand l-Awtorità konvenuta.

---

[1] Kopja eżebita a folio 78.
[2] Ara x-xiehda tal-attur bl-affidavit a folio 73.
[3] Kopja eżebita a folio 7.

12. Dan il-permess ingħata b'dak li jissejjaħ *encroachment permit* (minn issa 'l quddiem imsejjaħ biss bħala "il-Permess"), u ġie debitament imħallas mill-attur[4]. Billi l-għoti tal-ispazju mill-pjazza lill-attur kien ifisser neċessarjament teħid ta' spazju li kien diġà mogħti lill-operaturi ta' stabbilimenti oħra, l-ħruġ tal-Permess mill-Awtorità konvenuta ġie kontestat minn John Cordina u mis-soċjetà S. Camilleri & Sons Limited b'żewġ rikorsi separati li ġew preżentati fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Dawn iż-żewġ rikorsi ġew deċiżi b'żewġ sentenzi mogħtija fit-22 ta' Jannar, 2019[5], li bihom il-Permess ġie annullat. Appell imressaq mid-deċiżjonijiet tat-tribunal ġie miċħud b'żewġ deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Ġunju 2019[6] u fil-5 ta' Lulju 2019[7].

13. Jidher li r-raġuni għaliex il-Permess ġie annullat kienet minħabba li t-tribunal ma qabilx mal-kriterju tal-kejl applikat applikat mill-Awtorità konvenuta sabiex tapporzjona l-ispazju pubbliku bejn l-istabbilimenti li jagħmlu użu minn Misraħ Repubblika, b'mod li wara d-deċiżjonijiet imsemmija, l-Awtorità konvenuta reġgħet ħadet il-qisien interni tal-istabbilimenti kunċernati.

14. L-attur jgħid li l-ispazju li f'Misraħ ir-Repubblika ġie riservat għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet mill-istabbilimenti limitrofi huwa l-prodott ta' dak li ġie msejjaħ *master plan* li kien ġie approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar bil-permess ta' żvilupp bin-numru PA/01184/20[8], u anki minn kumitat tekniku ntern fi ħdan l-Awtorità konvenuta[9]. Appelli li ġew preżentati kontra l-permess maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar u magħmula minn xi operaturi ta' stabbilimenti f'Misraħ ir-Repubblika ġew respinti[10].

15. Dak li effettivament ġie approvat bil-permess ta' żvilupp bin-numru PA/01184/20 hija l-parti mill-Misraħ imsemmi li jista' jiġu użat għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet. Dak il-permess ta' żvilupp ma daħalx fil-kwistjoni ta' kif dik il-parti mill-Misraħ kellha tiġi

[4] Ara x-xiehda ta' Fiona Sayan a folio 827.
[5] Kopji eżebiti a folio 161 u 199.
[6] Kopja eżebita a folio 206.
[7] Kopja eżebita a folio 177.
[8] Kopja eżebita a folio 34.
[9] Ara wkoll ix-xiehda tal-Perit Carmen Sutton a folio 810.
[10] Ibidem.

distribwita bejn id-diversi stabbilimenti. Din l-allokazzjoni kellha ssir mill-Awtorità konvenuta wara t-teħid tal-kejl intern tal-istabbilimenti, kif deċiż mit-tribunal[11].

16. Sussegwentement għall-qisien ġodda meħuda mill-Awtorità konvenuta kif ukoll għall-approvazzjoni ta' dan il-pjan[12], l-attur ingħata *encroachment permit* ġdid (li wkoll se jissejjaħ minn issa 'l quddiem bħala "il-Permess"[13]), li ġie mħallas mill-attur[14], li bih ġie assenjat lilu spazju f'Misraħ Repubblika sabiex iqiegħed l-imwejjed u s-siġġijiet. Minkejja din l-assenjazzjoni, l-attur sostna li dan l-ispazju xorta ma kienx disponibbli għalih, għaliex baqa' okkupat minn stabbiliment ieħor fl-istess Misraħ[15], u l-Awtorità konvenuta naqset milli tenforza l-Permess mogħti lill-attur.

17. Jidher li ntalab il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni bin-numru 764/2020 fl-ismijiet "John Cordina eżerċjenti l-kummerċ bħala Caffe Cordina vs. L-Awtorità tal-Artijiet"[16], li fih intervjena r-rikorrent, liema mandat ġie milqugħ[17] u b'konsegwenza tiegħu l-Awtorità konvenuta ġiet miżmuma milli tenforza l-Permess maħruġ lill-attur. L-attur però jgħid li l-mandat inkiseb minn John Cordina, filwaqt li l-ispazju allokat għall-użu tiegħu mhux okkupat minn Cordina, imma mill-istabbiliment magħruf bħala "Eddie's Cafè"[18]. Irriżulta fil-fatt li minkejja li l-azzjoni legali meħuda kontra t-tieni riallokazzjoni saret biss minn Cordina, l-Awtorità konvenuta qieset illi ma setgħetx timplimenta r-riallokazzjonijiet lanqas fil-konfront ta' dawk l-operaturi li ma ħadux azzjonijiet legali. Dawn l-operaturi fil-frattemp baqgħu bl-allokazzjoni l-antika u soġġetti għar-rati ta' ħlas preċedenti[19].

18. Irriżulta li l-istess John Cordina mpunja r-riallokazzjoni tal-imwejjed u s-siġġijiet magħmula mill-Awtorità konvenuta fil-konfront tiegħu b'rikors bin-numru 46/2020 quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, li ġie deċiż b'sentenza mogħtija fl-24 ta' Diċembru, 2020[20] u li biha ġiet revokata r-riallokazzjoni msemmija. Ir-raġunijiet

---

[11] Ara x-xiehda tal-Perit Carmen Sutton a folio 815.
[12] Ara x-xiehda tal-attur bl-affidavit, a folio 75.
[13] Ara folio 30.
[14] Ara r-riċevuta tal-ħlas ta' dan il-Permess, a folio 28.
[15] Ara x-xiehda tal-attur bl-affidavit a folio 73.
[16] Kopja eżebita a folio 243.
[17] Kopja tad-dikriet eżebit a folio 250.
[18] Ara x-xiehda tal-attur bl-affidavit a folio 76, kif ukoll ta' Fiona Sayan a folio 827.
[19] Ara x-xiehda ta' Fiona Sayan a folio 844.
[20] Kopja eżebita a folio 278.

prinċipali wara r-revoka tar-riallokazzjoni, kif riżultanti mid-deċiżjoni tat-tribunal, kienu (i) li l-Awtorità konvenuta, filwaqt li ħadet il-kejl intern tal-istabbilimenti kunċernati permezz tal-uffiċċjali tagħha, naqset milli tagħmel l-istess ħaġa fir-rigward tal-istabbiliment tal-attur, u minflok straħet fuq il-pjanti approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar, (ii) li hu mod aktar ġust li l-allokazzjoni tal-pjazza ssir skont il-*covers* approvati lill-istabbilimenti rispettivi mid-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali, u (iii) hu aktar xieraq li l-Awtorità konvenuta, minflok tbiddel permess mogħti lil Cordina f'nofs iż-żmien ta' dak il-permess, tistenna lil dak il-permess jiskadi u twettaq il-bidliet maħsuba minnha fil-ħruġ tal-permess sussegwenti. Minn din id-deċiżjoni, Cordina appella, limitatament fir-rigward ta' dik il-parti li sabet li l-bdil fil-ħlas impost mill-Awtorità konvenuta kien ġustifikat[21].

19. Illi l-attur sa fl-aħħar ingħata l-allokazzjoni tiegħu f'Ġunju jew f'Lulju, 2021[22] bis-saħħa ta' *encroachment permit* ieħor[23], u ċjoè fil-mori ta' din il-kawża.

Ikkunsidrat:

20. Illi kif diġà ngħad, l-attur qed jitlob ir-riżarċiment tal-ħsara mġarrba minnu minħabba għemil li hu jgħid li sar ħażin mill-Awtorità konvenuta, rigwardanti l-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet, ossia *encroachment permits*, għall-użu t'art pubblika f'Misraħ ir-Repubblika (magħrufa wkoll bħala Pjazza Reġina) fil-Belt Valletta.

21. Illi din il-qorti jidhrilha li jkun opportun li qabel tqis il-mertu tal-każ, tagħmel xi osservazzjonijiet dwar il-qafas legali li fih għandhom jiġu kkunsidrati t-talbiet tal-attur li se jiġu deċiżi b'din is-sentenza.

22. Illi l-ewwel osservazzjoni tirrigwarda l-fatt li l-għemil tal-Awtorità konvenuta, u li dwaru jilmenta l-attur, jikkostitwixxi dak li jissejjaħ «għemil amministrattiv». L-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jfisser dan l-għemil bħala: «*…il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-*

[21] Kopja tal-appell huwa eżebit a folio 542.
[22] Ara x-xiehda ta' Fiona Sayan a folio 828.
[23] Kopja eżebita a folio 831.

*għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità*». Din it-tifsira hija sostantivament miżmuma fit-tifsira ta' «att amministrattiv» skont l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kapitlu 490 tal-liġijiet ta' Malta)[24].

23. Ma jistax ikun soġġett ta' dubju li l-mansjoni tal-Awtorità konvenuta rigwardanti l-ħruġ ta' *encroachment permits* fuq art pubblika hija proprju azzjoni amministrattiva, li tirrientra fil-funzjonijiet tal-istess Awtorità kif stabbiliti mill-artikolu 7(2) tal-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet (Kapitolu 563 tal-liġijiet ta' Malta). Kemm hu hekk, l-att konsistenti minn ħruġ jew varjazzjoni ta' permessi simili kien il-materja t'azzjoni ta' sħarriġ ġudizzjarju quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, kif irriżulta mill-atti ta' din il-kawża stess.

24. Dan allura jfisser li t-talbiet tal-attur għar-riżarċiment ta' danni subiti minnu minħabba għemil amministrattiv iridu ta' bil-fors jiġu kkunsidrati minn din il-qorti taħt il-prinċipji applikabbli tad-dritt amministrattiv. Dan minkejja li f'din l-azzjoni l-attur mhux qed jitlob it-tħassir ta' xi att amministrattiv partikolari. Kemm hu hekk, il-ġurisprudenza ta' dawn il-qrati diversi drabi qieset li fejn f'kawża l-attur ma jitlobx it-tħassir ta' għemil amministrattiv, u jitlob biss danni, jibqa' l-fatt li kull determinazzjoni dwar dawk id-danni impliċitament tinkorpora determinazzjoni dwar jekk awtorità pubblika mxietx skont il-liġi f'għemil amministrattiv imwettaq minna, u mela allura dik il-kawża għandha komunkwe tiġi kkunsidrata abbażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Riferenza hawnhekk qed issir għad-deċiżjoni ***Roberto Zamboni noe vs. Id-Direttur tal-Kuntratti et*** (Appell Superjuri, 31/5/2002), kif ukoll għad-deċiżjoni ***Karmenu Mifsud vs. Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta et*** (Appell Superjuri, 31/5/2013), fejn intqal:

> 12. Għalhekk, hija premessa meħtieġa biex tirnexxi l-azzjoni tal-attur illi d-deċiżjoni tal-awtorità konvenuta tassew kienet waħda *ultra vires* għax abużiva u irraġonevoli: dan ma huwiex *datum* ta' fatt iżda jrid qabel xejn jiġi determinat billi tiġi mistħarrġa l-validità tal-għemil amministrattiv. Għalxejn l-attur jgħid illi "ma hemm l-ebda talba għat-tħassir jew għall-impunjazzjoni ta' xi għemil

[24] L-artikolu 2 ta' dan l-Att jgħid, fost ħwejjeġ oħra, li «*"att amministrattiv" tinkludi l-ħruġ mill-amministrazzjoni pubblika ta' ordni, liċenza, permess, warrant, awtorizzazzjoni, konċessjoni, deċiżjoni jew ċaħda ta' xi talba magħmula minn membru tal-pubbliku, iżda ma tinkludix miżura li tittieħed għall-organizzazzjoni interna jew ta' amministrazzjoni fi ħdan l-istess amministrazzjoni pubblika*».

> amministrattiv, iżda biss għas-sejbien ta' responsabbilità għad-danni", għax is-sejbien ta' responsabilità jista' jkun biss konsegwenza ta' stħarriġ dwar jekk ir-rifjut tal-awtorità kienx validu jew le. Il-fatt illi l-attur illum ma jeħtiġlux jitlob it-tħassir tar-rifjut tal-awtorità, għax il-permessi nħarġu b'konsegwenza tal-liberalizzazzjoni tas-suq, ma jfissirx illi ma jibqax meħtieġ li jsir stħarriġ tal-validità tar-rifjut biex jiġi determinat kienx għamil tajjeb jew le.

25. Issa l-artikolu 469A(5) tal-Kodiċi preċitat espressament jikkontempla l-ipoteżi li min jilmenta minn għemil amministrattiv jitlob ir-riżarċiment tal-ħsara mġarrba b'konsegwenza ta' dak l-għemil, u jipprovdi fir-rigward li: «*Dawk id-danni ma għandhomx jingħataw mill-qorti meta minkejja l-annullament tal-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx aġixxiet in mala fede jew b'mod mhux raġonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setgħet legalment u raġonevolment ġiet miċħuda taħt kull setgħa oħra*».

26. Illi fl-apprezzament dwar x'inhu raġjonevoli jew liema huma ċ-ċirkostanzi li taħthom awtorità pubblika għandha titqies li tkun *in mala fede*, il-qrati Maltin sa minn dejjem żammew mal-prinċipju li d-dritt amministrattiv Ingliż huwa l-għajn u s-sors ewlieni tad-dritt amministrattiv Malti[25] (ara dwar dan id-deċiżjonijiet ***John Lowell et noe vs. Onor. Dottor Carmelo Caruana noe et***, Prim'Awla, 14/8/1972; ***Giuseppe Sciberras vs. Housing Secretary et***, Prim'Awla, 21/7/1973; ***Il-Prim Ministru et vs. Sister Luigi Dunkin noe***, Prim'Awla, 26/6/1980). Dan m'huwa xejn ħlief fergħa oħra tal-prinċipju aktar mifrux li d-dritt pubbliku Ingliż m'għandux jitqies eskluż mid-dritt pubbliku Malti ħlief fir-rigward ta' dak il-prinċipji li jkunu ġew esklużi mill-Kostituzzjoni jew minn xi liġi oħra (ara dwar dan ***Anthony M. Callus vs. Onor. Dr. A. Paris nomine et***, Appell Superjuri, 28/2/1969; u ***Antonio Sammut vs. John Bell Mc Cance nomine***, Prim'Awla, 29/5/1946[26]).

27. Illi f'dan ir-rigward u partikolarment fir-rigward tal-eżami ta' dak li hu «raġjonevoli», il-qorti tagħmel riferenza għall-kittieba ***Wade & Forsyth***[27]:

[25] Ara ***Tonio Borg***, Maltese Administrative Law (2021), paġni 2 u 3.
[26] Kollezz. Vol..ii.350.
[27] Administrative Law (8th Edition), paġni 364-366.

The doctrine that powers must be exercised reasonably has to be reconciled with the no less important doctrine that the court must not usurp the discretion of the public authority which Parliament appointed to take the decision. Within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires. The court must therefore resist the temptation to draw the bounds too tightly, merely according to its own opinion… … Decisions which are extravagant or capricious cannot be legitimate. But if the decision is within the confines of reasonableness, it is no part of the court's function to look further into its merits. 'With the question whether a particular policy is wise or foolish the court is not concerned; it can only interfere if to pursue it is beyond the powers of the authority'[28]. of the authority'[29]… … It is often expressed by saying that the decision is unlawful if it one to which no reasonable authority could have come. This is the essence of what is now called '*Wednesbury* unreasonableness', after the now famouse case in which Lord Greene MR expounded it as follows[30].

It is true that discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology used in relation to exercise of statutory discretions often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of the things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said, and often is said, to be acting 'unreasonably'. Similarly, there may be something so absurd that no sensible person could ever dream that it lay within the powers of the authority. Warrington LJ in *Short v. Poole Corporation* gave the example of the red-haired teacher, dismissed because she had red hair. This is unreasonable in one sense. In another it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it might almost be described as being done in bad faith; and in fact, all these things run into one another.

28. Inkiteb ukoll dan li ġej:

The great many cases held unlawful on the ground of unreasonableness may be divided into the following broad

[28] *Short v. Poole Cpn.* [1926] Ch. 66 and 91 (Warrington J).
[29] *Short v. Poole Cpn.* [1926] Ch. 66 and 91 (Warrington LJ).
[30] *Associated Provincial Picture Houses Ltd. V. Wednesbury Corporation* [1948] 1 KB 223 at 229…

> categories (recognising of course that there will always be decisions which do not easily fall into any of them, or that overlap between them).
>
> *Unreasonable process*
> First, is the case where there has been material a defect in the decision-making *process*. The assessment here focuses upon the quality of reasoning underlying or supporting the decision; upon the weight placed upon the factors taken into account on the way to reaching the decision; upon the way the decision is justified...
>
> *Violations of common law or constitutional principles*
> ...
>
> *Oppressive decisions*
> A third category contains what might be called oppressive decisions. The focus here is upon the end-product of the decision; upon its affect on inidividuals (and not upon the process by which the decision was reached). Decisions may be impugned under this head because of the unnecessarily onerous impact they have on the rights or interest of persons affected by them...[31]

29. Kunsiderazzjonijiet simili għal dawk magħmula minn dawn il-kittieba saru wkoll mill-qrati Maltin. Fid-deċiżjoni ***Halida Kuduzovic et vs. Il-Professur Juanito Camilleri noe*** (Prim'Awla, 30/5/2014) intqal: «*Illi d-dmir li awtorita' taġixxi raġonevolment mhux l-istess bħad-dmir li taġixxi bona fide. Għalhekk, filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat. F'każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevoli*».

30. Fid-deċiżjoni ***Mizzi Antiques Limited vs. Iċ-Chairman tal-Malta Enterprise*** (Appell Superjuri, 31/1/2019)[32] saru s-segwenti konsiderazzjonijiet li huma utili anki għax-xogħol li din il-qorti hija mistennija li tagħmel fil-kawża odjerna:

> 33. Din il-Qorti tqis, qabel xejn, li minn qari tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu, l-għoti ta' kumpens għad-danni f'azzjoni bħal din huwa effett sussidjarju u

---

[31] ***De Smith's Judicial Review*** (6th Edition), §11-028 – 11-031.

[32] Ara wkoll ***All for Property Limited vs. Direttur Ġenerali (Dwana)*** (Appell Superjuri, 16/12/2019).

mhux obbligatorju ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Dan joħroġ ukoll mill-kliem tad-dispożizzjoni tal-artikolu 469A(5) tal-Kap 12 li jitkellem dwar meta u f'liema ċirkostanza l-Qorti tista' tikkundanna lill-awtorità pubblika għall-ħlas tad-danni. Lanqas ma jista' jingħad li lazzjoni għal danni minn persuna mġarrba minn xi deċiżjoni jew egħmil tal-amministrazzjoni pubblika tinstab bilfors bis-saħħa ta' u fi ħdan azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A[33];

34. F'dan ir-rigward ingħad li "*The absence of a right to damages on judicial review grounds has historically been justified principally on the basis that the purpose of the supervisory jurisdiction of the Administrative Court is not to compensate individuals but to act as a check on the exercise of the powers of public bodies. As noted by Lord Woolf in the 2005 ALBA annual lecture: "The justification for not giving damages for judicial review is that the proceedings are brought for the benefit of the public as a whole, good administration being for the benefit of the public as well as the individual applicant."[34] However, like the Law Commission, and many members of the profession, Lord Woolf also questioned why the court should not also be empowered to award damages to an individual who has suffered loss as a result of maladministration. The theoretical distinction between a supervisory and compensatory jurisdiction is brought into stark contrast when the practicalities of awarding damages in judicial review proceedings are considered. The court is rightly wary of substituting its own decision for that of the public authority. The introduction of a damages remedy may, however, undermine this approach, as the quantum of, if not entitlement to, damages is likely to be contingent upon the remaking of the impugned decision*"[35];

35. Għalhekk, meta qorti tintalab tgħaddi għall-għoti ta' danni minħabba l-egħmil amministrattiv, dan jitlob li dik il-Qorti ma tinsiex il-funzjoni tagħha li ma tidħolx minflok l-awtorità li tkun qiegħda tistħarreġ. Jitlob ukoll li jekk tqis li għandha tagħti kumpens għad-danni mġarrba, dan għandha tagħmlu biss jekk kemm-il darba jirriżultaw xi waħda jew aktar mill-kontinġenzi speċifiċi maħsuba mil-liġi. B'żieda ma' dan, fil-qasam tad-dritt pubbliku Ingliż li minnu nstiltu d-dispożizzjonijiet relattivi tal-proċediment tal-istħarriġ ġudizzjarju fl-ordinament Malti, inkiteb li "*Damages are available as a remedy in judicial review in limited*

---

[33] App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Paċe et vs Kummissarju tal-Pulizija et***

[34] Lord Woolf, "*Has the Human Rights Act made Judicial Review Redundant?*" Alba Annual Lecture (23 November 2005).

[35] Hogan Lovells "*Damages in Judicial Review: The Commercial Context*" (2008)

*circumstances. Compensation is not available merely because a public authority has acted unlawfully. For damages to be available there must be either: (a) A recognised 'private' law cause of action such as negligence or breach of statutory duty or; (b) A claim under European law or the Human Rights Act 1998*"[36];

36. Id-danni li jintalbu taħt l-artikolu 469A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta huma marbutin sfiq mar-responsabbiltà li ġġib fuqha l-awtorità pubblika bi twettiq ta' delitt jew kważi-delitt li joħroġ mill-egħmil amministrattiv impunjat. Huwa mgħallem li "*(i)t is now clear that what might be called administrative torts are a subject of importance, and often of difficulty, in administrative law. .. the remedy of damages, which has always been an essential element in the protection of the citizen against public authorities, is already gaining greater prominence as a means of ensuring that powers are exercised responsibly, in good faith and with due care*"[37];

37. F'kull każ, l-għoti ta' kumpens taħt l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi titlob li qabel kollox ikun sar proċess ta' stħarriġ ġudizzjarju li jsib li l-egħmil amministrattiv ikun milqut b'xi nuqqas li jwassal għat-tħassir tiegħu[38]. Minbarra dan, il-bażi tal-ħsara trid tkun dik akwiljana mibnija fuq in-negliġenza jew id-dolo u ma jidhirx li tiġbor fiha l-ħlas ta' kumpens morali[39]. Dan jitlob ukoll li meta persuna titlob il-ħlas tal-kumpens għad-danni mġarrba minħabba egħmil amministrattiv, jaqa' fuqha li turi bi provi tajbin biżżejjed x'ikunu d-danni li tkun ġarrbet. Din ir-regola ma hija xejn anqas minn dik mistennija f'azzjoni ordinarja ta' danni akwiljani;

… …

41. Huwa stabilit li biex jitqies jekk awtorità wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorità mxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel[40]. Dan ifisser li l-kejl tar-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq[41]. B'żieda ma' dan, biex imġiba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema

[36] Public Law Project Information Leaflet (Series 5)
[37] HWR Wade & CF Forsyth Administrative Law (9th Edit, 2004) paġ. 560
[38] App. Ċiv. 31.5.2013 fil-kawża fl-ismijiet Karmenu Mifsud vs Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta et
[39] P.A. NC 22.12.2003 fil-kawża fl-ismijiet Denise Buttiġieġ vs Rettur ta' l-Università ta' Malta et (mhix appellata)
[40] H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, Administrative Law (10tth.. Edit), pġ. 295
[41] App. Ċiv. 27.3.2009 fil-kawża fl-ismijiet Carmelo Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et

fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "rite" u kif ukoll "recte", jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq[42];

42. Illi l-grad tar-"raġonevolezza" meħtieġ biex jiġi soddisfatt dan ir-rekwizit, ġie mistħarreġ u mfisser ukoll mill-Qrati tagħna meta ngħad li:"*F'dan ir-rigward il-Qrati Inglizi applikaw u esponew dan il-principju f'diversi forom. Hekk, per eżempju, fil-każ* ***Wednesbury Corporation*** *Lord Greene semma bħala kriterju li l-azzjoni in disamina tkun "so absurd that no sensible man could ever dream that it lay within the powers of the authority"; Lord Denning fit-****Tameside Case*** *esprima dan il-kunċett f'dawn it-termini "so wrong that no reasonable person could sensibly take that view" u Lord Diplock fil-każ* ***Council of Civil Service Unions*** *qal "so outrageous in its defiance of logic or of accepted moral standards that no sensible person who had applied his mind to the question to be decided could have arrived at it"*[43]

31. Magħmula dawn l-osservazzjonijiet dwar il-liġi u l-prinċipji legali li għandhom jitqiesu fil-każ odjern, il-qorti sejra issa tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-meritu ta' dan il-każ.

32. Essenzjalment, l-attur jgħid li ġarrab ħsara minħabba l-mod kif l-Awtorità konvenuta mxiet dwar it-talba tiegħu biex jingħata spazju f'Misraħ ir-Repubblika biex iqiegħed l-imwejjed u s-siġġijiet. Minn dak li fehmet il-qorti mill-provi prodotti sa dan l-istadju, l-Awtorità konvenuta wettqet dawn l-atti amministrattivi:

i) allokat spazju lill-attur billi naqset spazju mingħand l-operaturi l-oħra. Jidher li din id-deċiżjoni saret skont id-daqs intern tal-istabbilimenti kunċernati u t-tul tal-faċċata tagħhom, b'dan l-aħħar kriterju jingħata mportanza ta' 40% fil-konsiderazzjoni globali magħmula mill-Awtorità konvenuta;
ii) din id-deċiżjoni ġiet impunjata minn żewġ operaturi u revokata mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, billi ġie kkunsidrat li l-importanza mogħtija

[42] App. Inf. PS 26.2.2010 fil-kawża fl-ismijiet Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji
[43] P.A. NC 22.12.2003 fil-kawża fl-ismijiet Denise Buttiġieġ vs Rettur ta' l-Università ta' Malta et u T.R.A. GV 11.6.2012 fil-kawża fl-ismijiet Vincent Mallia vs Ministeru tal-Intern u Affarijiet Parlamentari et

lit-tul tal-faċċata tal-ħwienet kienet eċċessiva. Deċiżjoni li kienet konfermata mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri);

iii) wara t-tħassir tal-ewwel deċiżjoni, l-Awtorità konvenuta kisbet permess ta' żvilupp li kkristallizza liema partijiet mill-pjazza kellhom jintużaw għall-imwejjed u s-siġġijiet. Sussegwentement, l-Awtorità konvenuta għaddiet biex tieħu l-qies tal-ambjenti nterni tal-ħwienet, u għaddiet għat-tieni deċiżjoni tagħha li biha l-attur ġie allokat post għall-imwejjed u s-siġġijiet;

iv) din it-tieni deċiżjoni ġiet attakkata minn operatur wieħed, li kiseb anki mandat t'inibizzjoni kontra l-Awtorità konvenuta. It-tieni deċiżjoni ġiet ukoll revokata, prinċipalment minħabba li l-Awtorità konvenuta naqset milli tieħu l-kejl intern tal-istabbiliment tal-attur permezz tal-uffiċċjali tagħha, kif għamlet fil-każ tal-operaturi l-oħra, u minflok ħadet il-kejl minn pjanti sottomessi mal-Awtorità tal-Ippjanar;

v) wara din it-tieni revoka, l-Awtorità konvenuta għaddiet għar-riallokazzjoni tal-pjazza għat-tielet darba skont il-kriterju l-ġdid identifikat mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fid-deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Diċembru 2020.

33. Minn dan ir-riassunt, jemerġi li ċertament fir-rigward tat-tieni revoka, u ċjoè dik li wasslet għad-deċiżjoni tal-24 ta' Diċembru 2020, l-Awtorità konvenuta ma mxietx b'dak il-kejl ta' raġjonevolezza li wieħed jistenna mingħand awtorità pubblika. Ma jagħmel ebda sens li, f'eżerċizzju li kellu jsir sabiex jiġi determinat il-kejl intern tal-istabbilimenti kunċernati, jittieħed il-kejl ta' kulħadd ħlief ta' operatur wieħed. Mid-deċiżjoni msemmija tat-Tribunal, ma jirriżultax li ingħatat xi raġuni li remotament tista' tiġġustifika din il-partenza mill-metodu addottat fil-konfront tal-operaturi l-oħra, u lanqas f'dawn l-atti ma tressqet xi prova jew xi spjegazzjoni li jxejjnu din il-konklużjoni. Il-fatt li dan seħħ f'ċirkostanzi li kienu diġà tant kontenzjużi juri biss kemm kienet aktar irraġjonevoli din id-deċiżjoni tal-Awtorità konvenuta, *multo magis* meta t-trattament differenti sar fil-konfront tal-attur stess, li kien il-persuna li qed jipprovoka t-tibdil fit-tqassim tal-ispazji fil-pjazza. Ingħad awtorevolment:

> Although the terms irrationality and unreasonableness are these days often used interchangeably, irrationality is only one facet of unreasonableness. A decision is irrational in the strict sense of that term if it is unreasoned; if it is lacking ostensible logic or comprehensible justification... ... Less

> extreme examples of the irrational decision include those in which there is an absence of logical connection between the evidence and the ostensible reasons for the decision, where the reasons display no adequate justification for the decision, or where there is absence of evidence in support of the decision.[44]

34. Dan il-*modus operandi* tal-Awtorità konvenuta m'huwiex konċiljabbli mad-dmirijiet tagħha taħt il-liġi, u lanqas ma' dak il-prestiġju u r-reputazzjoni li kull awtorità pubblika għandha taspira għalihom[45].

35. F'dan il-kuntest għalhekk l-għemil tal-Awtorità konvenuta fil-ħruġ tat-tieni riallokazzjoni tal-ispazji f'Misraħ ir-Repubblika m'huwiex l-għemil ta' "persuna sensibbli", u lanqas huwa għemil loġiku, u konsegwentement ma jistax jitqies radikat fuq ir-raġuni. Dan kien difett li ivvizzja l-proċess tad-deċiżjoni tal-Awtorità konvenuta, u għalhekk l-element ta' raġjonevolezza ċertament li jiddifetta.

36. Il-fatt li l-Awtorità konvenuta tassew kienet miżmuma b'mandat t'inibizzjoni milli twettaq it-tieni deċiżjoni tagħha m'hijiex raġuni li teħles lill-Awtorità mill-konsegwenzi fuq imsemmija. Dan għaliex, wara kollox, il-kontestazzjoni mressqa b'riħet dak il-mandat ġiet milqugħa, għaliex kif fuq ingħad id-deċiżjoni in kwistjoni kienet vizzjata minn difett, u kwindi l-ħtija xorta waħda tirriverti lura fuq l-Awtorità konvenuta, li ħalliet li d-deċiżjoni li hi kellha tieħu ssir in bażi għal eżerċizzju difettuż, u li d-difett tiegħu m'huwiex wieħed skużabbli jew invinċibbli, tant li anzi l-fatt li l-Awtorità ħalliet dak id-difett jirriżulta huwa l-fatt irraġjonevoli li jikkostitwixxi l-bażi tal-azzjoni tal-attur. Wara kollox, kull liċenza, ordni, permess jew awtorizzazzjoni toħroġ fuq ir-responsabbilità ta' min joħroġha u mhux min jitlobha, u min joħroġha għalhekk huwa fid-dmir li jara li dak l-att amministrattiv ikun skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli, u li ċjoè l-proċess li abbażi tiegħu ikun inħareġ ikun sar *rite et recte* (ara, per eżempju, ***Emanuel Zahra nomine vs. Chief Government Medical Officer nomine et***, Appell Superjuri, 23/9/1993).

[44] ***De Smith's Judicial Review*** (6th Edition), §11-036 – 11.037.
[45] Sentiment li kien espress fid-deċiżjoni ***Antonio Galea and others vs. The Honourable James Galizia, O.B.E., nomine and others*** (Appell Superjuri, 8/11/1925 – Kollezz. Vol.XXIX.i.345).

37. Fir-rigward tal-ewwel deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità konvenuta, li tħassret b'żewġ deċiżjonijiet tat-22 ta' Jannar 2019, din il-qorti tosserva li l-applikazzjoni tal-kriterju tal-faċċata tal-ħwienet fil-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Awtorità konvenuta ma tistax titqies irraġjonevoli b'tali mod li tirradika azzjoni għad-danni kontra awtorità pubblika. Tassew li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva qies l-applikazzjoni ta' dan il-kriterju fil-qies applikat mill-Awtorità konvenuta bħala mhux raġjonevoli u ġust. Però dik id-deċiżjoni tat-Tribunal, għalkemm naturalment għandha effetti probatorji fil-kawża odjerna, ma torbotx idejn din il-qorti billi m'għandhiex l-effetti ta' ġudikat, la darba l-attur ma kienx parti f'dik il-proċedura. Din il-qorti ma tarax li l-applikazzjoni tal-kriterji magħmul mill-Awtorità konvenuta jista' jitqies *ut sic* irraġjonevoli. Kemm hu hekk, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Ġunju 2019, qieset li l-akbar difett f'din id-deċiżjoni tal-konvenuta kienet in-nuqqas ta' motivazzjoni mogħtija[46] (aktar milli xi karattru ta' irraġjonevolezza).

38. Kollox ma' kollox għalhekk il-qorti qed issib li l-Awtorità konvenuta, anki jekk ma tressqitx prova li mxiet *in mala fede*, kienet irraġjonevoli bil-mod li hija waslet għad-deċiżjoni tagħha kif tqassam l-ispazju allokat għas-siġġijiet u l-imwejjed f'Misraħ ir-Repubblika fil-Belt Valletta f'Ġunju tas-sena 2020, u għalhekk għandha twieġeb għall-ħsara li l-attur seta' ġarrab b'konsegwenza tal-istess.

39. Fir-rigward tat-tieni talba tal-attur, li biha huwa qed jitlob li din il-qorti tordna lill-Awtorità konvenuta sabiex tieħu ċerti azzjonijiet, din il-qorti fehmet mill-provi prodotti li, fil-mori ta' din il-kawża, l-attur ingħata l-ispazju allokat lilu għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet[47]. Għalhekk mhux il-każ li din il-qorti tippronunzja ruħha dwar din it-talba.

40. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi kif ġej:

    (i) tilqa' l-ewwel talba biss fis-sens li tiddikjara li l-Awtorità konvenuta kienet irraġjonevoli bil-mod kif hija waslet għad-deċiżjoni tagħha kif tqassam l-ispazju allokat għas-siġġijiet u l-imwejjed f'Misraħ ir-Repubblika fil-Belt Valletta f'Ġunju tas-sena 2020 u b'hekk l-attur ma setax juża l-Permess mogħti lilu;

---

[46] Ara l-paragrafu numerat disgħa ta' din id-deċiżjoni (a folio 452).
[47] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur a folio 874.

(ii) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba billi fil-mori tal-kawża l-attur ingħata l-ispazju allokat lilu;

(iii) tilqa' t-tielet talba u tiddikjara li l-Awtorità konvenuta, minħabba l-mod irraġjonevoli li bih imxiet sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha kif tqassam l-ispazju allokat għas-siġġijiet u l-imwejjed f'Misraħ ir-Repubblika fil-Belt Valletta f'Ġunju tas-sena 2020, hija responsabbli għad-danni mġarrba mill-attur;

(iv) tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità konvenuta;

(v) tordna l-prosegwiment tas-smigħ tal-kawża dwar it-talbiet rimanenti tal-attur;

(vi) tikkundanna lill-Awtorità konvenuta tħallas l-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Christabelle Cassar
Deputat Reġistratur